



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14108/21

DEVGEN 206
ACP 116
RELEX 992
SUSTDEV 159
COHAFA 84
ONU 135
CLIMA 395

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 19 ta' Novembru 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13440/21

Suġġett: L-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE, kif adottati mill-Kunsill fit-3828 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
l-Ilma fl-Azzjoni Esterna tal-UE**

1. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza strateġika tal-ilma, b'mod partikolari għall-iżvilupp sostenibbli, għat-tnaqqis tal-faqar, għas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, għall-iżvilupp tal-bniedem, għall-azzjoni dwar il-klima, għall-ħarsien tal-ambjent, għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, għall-azzjoni umanitarja, u għall-paċi u l-istabbiltà. Il-Kunsill jişhaq li l-ilma huwa essenzjali għas-sistemi ambjentali, soċjali, kulturali u ekonomiċi fil-livell globali, reġjonali u lokali filwaqt li jirrikonoxxi ż-żieda fil-pessjonijiet antropiċi fuq il-kwalità u l-kwantità tar-riżorsi tal-ilma madwar id-dinja u li l-impatti tat-tibdil fil-klima jinħassu l-aktar permezz tal-ilma.
2. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2019, li japprovaw il-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem b'rabta mal-ilma tax-xorb sikur u s-sanità. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu protetti u promossi dawn id-drittijiet f'konformità mal-impenn tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli biex "ħadd ma jitħalla jibqa' lura" u li tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-persuni b'diżabilità u lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità għan-nisa u l-bniet kollha u l-parteċipazzjoni uguali, inklużiva, effettiva u sinifikanti tagħhom f'dan ir-rigward. Kif enfasizzat mill-ġdid mill-COVID-19, kollaborazzjoni transsettorjali bejn l-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH) u s-saħħa hija kruċjali għal tħejjija u rispons għall-epidemiji ta' suċċess. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar it-tisħiħ tal-impenn tat-Tim Ewropa għall-iżvilupp tal-bniedem u jenfasizza l-importanza tal-approċċ olistiku "Saħħa Waħda".

3. Il-Kunsill itenni li aċċess affordabbli għall-WASH huwa prerekwiżit essenzjali għas-saħħa pubblika u l-iżvilupp tal-bniedem u jfakkar li l-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u, f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-għdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.
4. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Novembru 2018 dwar id-diplomazija fil-qasam tal-ilma u jafferma mill-għdid l-impenn diplomatiku tal-UE dwar l-ilma, speċjalment il-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma, bħala għodda għall-paċi, is-sigurtà, u l-istabbiltà, filwaqt li jappella għall-implimentazzjoni ulterjuri tagħhom u jżid is-sinerġiji bejn id-diplomazija fil-qasam tal-ilma, il-klima u l-enerġija, kif ukoll mal-bijodiversità u s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-attivitajiet tal-Istati Membri biex jappoġġaw il-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma f'kuntesti reġjonali differenti permezz tal-attivitajiet tagħhom ta' ġestjoni tal-ilma u ta' diplomazija fil-qasam tal-ilma.
5. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-ilma bħala element integrali tal-prevenzjoni, riżoluzzjoni u stabbilizzazzjoni ta' konflitti, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-medjazzjoni. Għalhekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati u użati l-għodod kollha meħtieġa għall-immappjar tar-riskju tal-ilma, is-sistemi ta' twissija bikrija, l-għarfien espert meħtieġ u t-tnaqqis u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri mibnija fuq approċċi sensittivi għall-konflitti, reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem. Peress li l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-ilma, speċjalment f'kuntest transkonfinali, tipprovdi opportunità għal miżuri li jwasslu għall-paċi, huwa importanti li jitqiesu r-riskji u l-indikaturi relatati mal-ilma fl-analiżi u l-ipprogrammar tal-konflitti fi stati fraġli u żoni milquta minn konflitti, kif ukoll fit-tfassil u l-iskjerament tal-missjonijiet tal-PSDK f'oqsma ta' konflitt.

6. Il-Kunsill huwa mħasseb li skont l-aħħar rapport dwar l-istatus mill-UN Water, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 6 - "l-iżgurar tal-aċċess għall-ilma u s-sanità għal kulħadd" għadu ferm lura u mhux ifffinanzjat biżżejjed. Għalhekk, il-Kunsill jappella għal aktar tisħiħ tad-dimensjoni tal-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE u l-aġendi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) f'konformità mal-Qafas ta' Aċċelerazzjoni Globali tal-SDG 6. Minħabba r-rilevanza tiegħu għall-SDGs kollha, l-ilma huwa kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll għal ftehimiet u impenji internazzjonali oħra, bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda Urbana Ġdida, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (DRR). Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur għoli tal-għodod żviluppati taħt il-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali (Konvenzjoni dwar l-Ilma) inkluż il-Protokoll dwar l-Ilma u s-Saħħa tan-NU/KEE/WHO għall-istabbiliment ta' miri nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' SDGs marbutin mal-ilma u l-gwida Prattika tiegħu dwar il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-aċċess ekwu għall-ilma u s-sanità.
7. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-multilateraliżmu u d-djalogu dwar l-ilma, bin-NU fil-qalba tiegħu, inkluż billi tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Aċċelerazzjoni Globali tal-SDG 6 u l-istabbiliment ta' mibgħut speċjali ġdid tan-NU għall-ilma; barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni u koerenza effettivi tal-ħidma tan-NU dwar l-ilma, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-UN-Water.

8. Il-Kunsill jilqa' l-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 bħala opportunità biex jiġu mobilizzati l-partijiet kkonċernati u s-setturi kollha u jiġi katalizzat aktar momentum politiku dwar l-ilma b'vuċi waħda tal-UE u b'pożizzjoni proattiva. Il-Kunsill jappella għal eżiti konkreti tal-konferenza bil-għan li titħaffef l-kisba tal-għanijiet u l-miri relatati mal-ilma u li l-SDG 6 jerġa' lura fit-triq it-tajba. Il-Kunsill jilqa' l-eżiti tal-laqgħa ta' Livell Għoli tal-PGA tal-2021 fi New York u jappoġġa l-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tad-Djalogi dwar l-Ilma għar-Riżultati li saru b'Bonn fl-2021 u jistenna b'interess il-konferenzi li ġejjin dwar l-ilma li jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023, filwaqt li jfakkar fil-kontribut tal-Istati Membri għall-proċess billi jospitaw uħud minn dawn il-konferenzi. Hemm hteġa globali urġenti għal aktar inklużività, azzjonijiet u impenji konkreti fi ħdan approċċi transsettorjali sabiex jinkisbu miri u għanijiet relatati mal-ilma. Il-Kunsill iqis li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw objettivi u pożizzjonijiet komuni bil-ħsieb tal-Konferenza dwar l-Ilma tal-2023.
9. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu aktar attenzjoni lill-ilma fid-djalogi politiċi, fil-livell lokali, reġjonali u multilaterali, fi proċessi intergovernattivi u fora internazzjonali, inkluż dawk dwar it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, l-ambjent, is-sistemi tal-ikel, l-enerġija, is-saħħa, l-iżvilupp tal-bniedem u l-oċeani. Għal dan il-għan, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' djalogi regolari mal-partijiet kkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, b'fokus partikolari fuq l-inklużjoni ta' gruppi emarġinati u vulnerabbli u fuq approċċi mmexxija lokalment, kif ukoll fuq il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-difensuri tad-drittijiet ambjentali tal-bniedem.
10. Il-Kunsill jappella lill-membri kollha tat-Tim Ewropa biex jindirizzaw il-lakuni fis-settur tal-ilma, inkluż il-finanzjament, il-governanza u l-kapaċità; u biex b'mod komuni jiġu kondiviżi l-istandards, l-għarfien espert, l-esperjenzi u r-riżorsi tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-hteġa li jitħaffu r-riċerka u l-innovazzjoni, il-kondiviżjoni tad-data u tal-għarfien filwaqt li jappoġġa t-tranżizzjoni għal soluzzjonijiet diġitali tal-ilma, inkluż permezz ta' involviment fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

11. Il-Kunsill, filwaqt li jfakkar fil-ħtieġa li titnaqqas id-diskrepanza finanzjarja tal-ilma, jilqa' l-isforzi biex jiġi mobilizzat finanzjament innovattiv u inklużiv minn sorsi pubbliċi u privati, kif ukoll minn dawk internazzjonali u domestiċi. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-kwistjonijiet dwar l-ilma u s-sanità jiġu integrati fid-diskussjonijiet dwar il-finanzjament għall-iżvilupp (FfD) u l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (AAAA). Il-Kunsill jappoġġa l-iżvilupp tal-finanzi sostenibbli tal-UE u jenfasizza l-ħtieġa għal investimenti bbilanċjati fil-ġestjoni tal-ilma, l-aċċess għall-ilma u fis-sanità u l-iġjene, kemm f'żoni rurali kif ukoll urbani, inkluż bħala parti mis-sistemi tas-saħħa u l-edukazzjoni, kif ukoll f'kuntesti umanitarji, it-titjib tal-kwalità tal-ilma u t-tisħiħ tar-reżiljenza għall-klima, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma u r-rispett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ta' sostenibbiltà. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-impatti tas-servizzi inadegwati ta' sanità u tat-trattament tal-ilma mormi fuq il-kwalità tal-ilma, il-bijodiversità, is-saħħa tal-bniedem u d-dinjità. Il-Kunsill jappella għall-promozzjoni tal-użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma bħala prijorità fis-setturi kollha, kull meta jkun possibbli.
12. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-governanza tal-ilma u r-rwol tal-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma bħala proċess ewlieni li jippromwovi l-iżvilupp koordinat u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, l-art u r-riżorsi relatati sabiex jiġi massimizzat il-benessri ekonomiku u soċjali b'mod ekwu mingħajr ma tiġi compromessa s-sostenibbiltà tal-ekosistemi ewlenin. Il-Kunsill itenni l-importanza tar-rabta bejn l-ekosistema tal-ilma-ikel-enerġija fl-indirizzar tas-sinerġiji u l-kompromessi fuq l-ilma fl-azzjoni kollha esterna tal-UE.
13. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma fit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetajiet fl-isfondi soċjoekonomiċi u l-ekosistemi kollha, biex jiġu indirizzati l-perikli naturali u biex jitnaqqsu r-riskji kollha kkawżati minn diżastri relatati mal-ilma u avvenimenti estremi kif ukoll event li jevolvi bil-mod bħaż-żieda fil-livell tal-baħar. Barra minn hekk, is-sistemi u l-infrastrutturi tal-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma, inkluż dawk relatati mal-WASH, jenħtieġ li jkunu aktar reżiljenti u newtrali għall-klima. Il-Kunsill jenfasizza li l-azzjonijiet relatati mal-provvista tal-ilma jeħtieġ li jiġu integrati aħjar fl-azzjoni esterna u l-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif ukoll permezz tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u t-tħejjija għalihom. Il-Kunsill jappella għal inklużjoni u allinjament aħjar tal-azzjonijiet relatati mal-provvista tal-ilma, inkluż il-WASH, mal-istrateġiji u l-pjanijiet nazzjonali dwar il-klima skont il-UNFCCC u fokus aktar b'saħħtu fuq il-kooperazzjoni transkonfinali u reġjonali dwar kwistjonijiet tal-ilma u l-klima.

14. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol essenzjali tal-konservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi akkwatiċi, b'mod partikolari l-artijiet mistagħdra, biex jitrawwem l-iżvilupp tal-bniedem, tiġi mħarsa d-diversità bijoloġika, jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma, u tissaħħaħ l-azzjoni dwar il-klima f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-Kunsill jissottolinja r-rilevanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma, approċċi minn sors għall-baħar u transsettorjali, ġestjoni integrata taż-żona kostali, prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, u l-bini mill-ġdid aħjar ta' strateġiji aktar ekoloġiċi. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll li l-Kunsill tad-Drittijiet tan-NU tat-23 ta' Marzu 2021, fl-adozzjoni tar-riżoluzzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet li l-istati kollha għandhom jimplimentaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-governanza tal-ilma u li l-bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-bniedem għall-ilma, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u s-saħħa tal-ekosistemi akkwatiċi huwa waħda mill-isfidi ewlenin tas-seklu wieħed u għoxrin.
15. Il-Kunsill jenfasizza li approċċi inklużivi għall-persuni b'diżabilità u trasformattivi li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri huma essenzjali biex jiġi żgurat li kulħadd jibbenefika minn servizzi WASH affordabbli u li jingħata l-mezzi biex ikollu aċċess għalihom. Il-Kunsill jappella wkoll għal titjib fl-analiżi u l-fehim tal-impatti differenzjati skont il-ġeneru tal-interventi tal-ilma, biex jiġu informati politiki u azzjonijiet reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.
16. Rigward ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi (HDP), il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal aktar komplementarjetà bejn l-azzjonijiet umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi biex jiġu appoġġati s-sikurezza u s-sigurtà tar-riżorsi tal-ilma, il-persunal għall-ilma - b'mod partikolari l-ħaddiema tas-sanità - u tal-infrastruttura tal-ilma permezz ta' sostenn għall-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali (IHL), mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (IHRL) u mad-drittijiet internazzjonali tax-xogħol. Il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ħaddiema umanitarji li jagħtu għajnuma ta' salvataġġ u infrastrutturi kritiċi kontra kwalunkwe tip ta' avvenimenti avversi, kemm jekk naturali, aċċidentali jew intenzjonati. Il-Kunsill jappella għat-tisħiħ tal-proċessi u l-analiżijiet relatati ta' diversi partijiet ikkonċernati biex jittejjbu l-evidenza, il-politika u l-implimentazzjoni tal-interventi, b'mod li l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-paċi jkun jistgħu jikkollaboraw aħjar tul ir-rabta biex jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti u biex jintervjenu aktar kmieni sabiex jindirizzaw il-kawżi fundamentali u jipprevjenu l-bidu ta' kriżijiet umanitarji tal-ilma u tas-sanità.

17. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni reġjonali, jappella għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali u reġjonali dwar l-ilma, inkluż dwar l-akwiferi bħala mutur ewlieni tal-iżvilupp sostenibbli, tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-paċi u jappella għal spinta kkoordinata mġedda dwar l-importanza tal-adeżjoni u l-aderenza mal-konvenzjonijiet tan-NU dwar l-ilma, il-ftehimiet transkonfinali u l-oqfsa istituzzjonali.
